

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 320/2014****tas-27 ta' Marzu 2014**

**li jemenda l-Anness VIII tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 tad-19 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 378/2007 u li jirrevoka ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 57a(7) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 57a(9) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, il-Kroazja nnotifikat lill-Kummissjoni sal-31 ta' Jannar 2014 biż-żona tal-art li tneħħewlha l-mini u reġgħet bdiet tintuża għal attivitatiet agrikoli fl-2013.

In-notifika kien fiha wkoll l-ammont baġitarju korrispondenti għas-snin tat-talba mill-2014 l-quddiem. Skont l-iskeda taż-żidiet inkrementali msemmija fl-Artikolu 121 tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, l-Anness VIII ta' dak ir-Regolament għandu jiġi emendat skont dan.

- (2) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament hu konformi mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Pagamenti Diretti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

**Artikolu 1**

L-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

**Artikolu 2**

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċċiali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Marzu 2014.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

<sup>(1)</sup> ĠU L 30, 31.1.2009, p. 16.

## ANNESS

L-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 għandu jiġi emendat kif ġej:

- (1) Fit-Tabella 2, fil-kolonna għas-sena 2014, l-annotazzjoni għall-Kroazja tinbidel b'dan li ġej:

		(f'eluf ta' EUR)
		l-2014
“Il-Kroazja		114 180”

- (2) Fit-Tabella 3, fil-kolonna għas-sena 2014, l-annotazzjoni għall-Kroazja tinbidel b'dan li ġej:

		(f'eluf ta' EUR)
		l-2014
“Il-Kroazja		114 180”